

Il-loġġ il-ġdid fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija

# Loġġ ġdid ta' l-*istained glass* għall-Knisja Rotunda

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ġunju, wara Konċelebrazzjoni Solenni li fiha ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, f'ċerimonja qasira, bierek il-loġġ ġdid ta' l-*istained glass* li tqiegħed fil-faċċata tal-Knisja Rotunda.

Il-loġġ li juri l-Glorja ta' San Ġwann Battista nħaddem mid-Ditta Domus Dei, f'Ruma, Italja, fuq disinn tal-pittur Għawdxi, il-Kav. Paul Camilleri Cauchi.



*Mons. Isqof Mario Grech jidher ibierek il-loġġ ġdid għall-Knisja Rotunda tax-Xewkija, assistit mill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Carmelo Mercieca (lemin) u l-Kav. Paul Camilleri Cauchi.*

# Wirja mill-istudenti tad-Drama

Diversi studenti li jattendu għal-lezzjonijiet taż-żfin u d-drama wara l-ħin ta' l-iskola fiċ-Ċentru tad-Drama fin-Nadur, taw wirja fejn urew il-progress irreġistrat wara sena oħra ta' tagħlim u prattika fiż-żfin tal-ballet, *ballroom, latin u expressive dance*, kif ukoll fid-drama ta' l-*istage management*. Matul is-sena dan iċ-Ċentru jikkordina wkoll sessjonijiet ta' l-*aerobics* li jsiru ġewwa l-Kumpless Sportiv fir-Rabat Għawdex.

Ta' min isemmi li l-iskola tad-Drama ġewwa n-Nadur isservi wkoll bħala ċentru għal żewġ istituzzjonijiet rinomati u stabbiliti ġewwa Londra. (RAD). Is-sena l-oħra disa' parteċipanti fil-lezzjonijiet tad-drama għamlu għall-ewwel darba l-eżamijiet tal-*London Academy of Music and Dramatic Arts (LAMDA).* Din is-sena n-numru ta' studenti li ser jipprovaw jottjenu ċertifikati tal-LAMDA hu ta' mhux anqas minn wieħed u għoxrin.

Waqt li kienet qed tindirizza lil dawk preżenti għas-serata li tħejjiet ġewwa l-Iskola tad-Drama fin-Nadur, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, uriet is-sodisfazzjon tagħha għall-progress li sar anke ġewwa dan iċ-ċentru. Hija spjegat kif il-viżjoni ta' edukazzjoni ħolistika tinkorpora wkoll tagħlim u tisħiħ ta' l-abbilitajiet u l-intelliġenzi varji ta' kull student biex b'hekk jiġi milħuq l-għan ta' edukazzjoni inklussiva u formattiva.



*Studenti fi Grad 5 waqt waħda mill-wirjiet li taw. Mix-xellug jidhru Michela Micallef, Diane Grech, Katya Sant, Daisy Pennock, Antonella Rapa, Stephanie Portelli, Anna Rapa, Samantha Scicluna, Rose Marie Grima, Jessica Bugeja u Rachel Sammut.*

**AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri**





*Waħda mill-attivitajiet li saru fil-Pjazzetta San Ġorġ tal-Ħaġar, ir-Rabat.*

# Il-*Victoria International Arts Festival*

Nhar il-Ħadd 8 ta' Ġunju, ġie inawgurat il-*Victoria International Arts Festival* li din is-sena jasal fil-ħdax-il edizzjoni tiegħu. Il-firxa wiesgħa ta' l-attivitajiet kulturali u l-medda twila ta' xahar u nofs jagħmlu minn dan il-festival l-ikbar avveniment ta' kultura għolja f'pajjiżna li s-suċċess tiegħu jafu lit-tim organizzattiv li qatt ma joqgħod lura milli jintroduċi elementi ġodda filwaqt li jkompli jħares bis-sħiħ it-tradizzjoni. Anke l-għażla tal-postijiet fejn jsiru dawn is-serati ma ssirx b'kumbinazzjoni. Il-Bażilika ta' San Ġorġ u l-Awla *Monsinjur Giuseppe Farrugia*, fost diversi lokalitajiet oħra, jkomplu jżidu mas-seħer melodjuż tan-nota u l-qawwa interpretattiva ta' l-artist.



*Grupp ieħor ta' tfal li jitgħallmu l-ballet fiċ-Ċentru tad-Drama fin-Nadur*
*Mix-xellug jidhru Tricia Portelli, Julia Xiberras u Chloe Muscat, waqt wirja li taw fl-iskola tad-Drama.*

**MARIO BORG**
***International Travel Consultant***
GRANDTOURING
***has relocated to Grand Touring***
***For all your Travel Needs Flights, Touring and Cruising***
*Contact:* ***Mario Borg***
***Tel: 9621 8899***
***Mob: 0412 682 421***
***Email: Mario @grandtouring.net***
Lic. 2 TA 5215

# Il-125 Anniversarju meta nstema' l-Leħen ta' Marija f'Ta Pinu

jirraporta minn Għawdex Charles Spiteri



Il-Ħadd 22 ta' Ġunju filgħaxija. Waqt il-Pontifikal Solenni fuq iz-zuntier tas-Santwarju. Jidhru fost l-oħrajn, l-Arċisqof Emeritu għal Malta, l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, in-Nunzju Apostoliku għal Malta, l-E.T. Mons. Arċisqof Tommaso Caputo, l-Arċisqof, l-E.T. Mons Pawl Cremona O.P. u l-Isqof t'Għawdex, l-E.T. Mons. Mario Grech.



Il-Ħadd 22 ta' Ġunju, fis-7.00 ta' filgħaxija. Pellegrinaġġ Nazzjonali mmexxi mill-E.T. Mons. Pawl Cremona O.P., Arċisqof ta' Malta, flimkien ma' l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech. Mixja minn ħdejn is-Sigra, l-awrikarja, ta' Triq l-Għarb, sas-Santwarju Ta' Pinu.

## Eluf iżuru s-Santwarju

Nhar il-Ħadd 22 ta' Ġunju Għawdex fakkar il-125 sena minn meta f'Ta' Pinu, minn kwadru tal-pittur Amadeo Perugino li kien f'kappella żgħira, qalb l-egħlieqi, illum kappella fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu, instema' l-Leħen ta' Marija, Omm Ġesù "Ejja, Ejja". U Karmni Grima, xbejba twajba mir-raħal ta' l-Għarb, wieġbet b'ħerqa kbira din is-sejħa ta' Ommna Marija.

Biex titfakkar din il-ġrajja saru diversi attivitajiet, mifruxa matul il-jiem, mill-4 sat-22 ta' Ġunju. Programm li fetaħ b'Simposju Marjan, organizzat mill-Fakultà Pontifiċja Teoloġika Marianum ta' Ruma.

Fuq deċiżjoni tal-konferenza Episkopali ta' Malta, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta u fid-Djoċesi ta' Għawdex, il-Ħadd 22 ġiet iċċelebrata t-tifkira solenni tas-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu.

Il-Ħadd 22 ta' Ġunju filgħaxija, ġie organizzat Pellegrinaġġ Nazzjonali għas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Pellegrinaġġ li tmexxa mill-Arċisqof Mons Pawl Cremona. Mal-wasla tal-pellegrinaġġ fis-Santwarju ta' Pinu sar Pontifikal solenni fuq iz-zuntier tas-Santwarju u li tmexxa wkoll mill-Arċisqof Mons Pawl Cremona flimkien man-Nunzju Apostoliku għal Malta, Mons Tommaso Caputo u l-Isqof ta' Għawdex Mons Mario Grech, Mons Ġużeppi Mercieca, l-Isqof Emeritu għal Malta, Mons. Francis Baldacchino, Kapuċċin, Isqof ta' Malindi, fil-Kenya u Mons. Joseph Francis Essien, Isqof ta' Wiawso, fil-Ghana. Anima ċ-ċelebrazzjoni l-Kor Stella Maris.

Bi preparazzjoni għal din iċ-ċelebrazzjoni, nhar is-Sibt 21 ta' Ġunju, lejliet il-festa tas-Sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima saret velja ta' talb li kienet tikkonsisti f'mixja 'aux flambaux' fuq il-passi ta' Karmni Grima, mixja li telqet minn quddiem id-dar ta' Karmni. fit-8.30pm. Il-pellegrini mxew bil-*flambaux* qalb l-egħlieqi li minnhom kienet tgħaddi Karmni biex tmur fil-kappella tal-Madonna ta' Pinu.

Imbagħad il-Ħadd 22 ta' Ġunju fl-10.30am fis-Santwarju Mons Isqof Mario Grech mexxa pontifikal Solenni flimkien mas-saċerdoti tad-Djoċesi ta' Għawdex. Fi tmiem il-pontifikal tkanta t-*Te Deum* b'ringrazzjament lil Alla għal grazzji kbar li Ommna Marija sawbet fuq il-Gżejjer Maltin. Il-kor *Scola Cantorum Jubilate* anima ċ-ċelebrazzjoni.

Il-motto magħżul għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kien, Ejja għand Marija u ssib lil Ġesù. Messaġġ biex nagħtu lilna nfusna u nersqu lejn dan il-Maqdes Qaddis biex nitolbu.

Għal din l-okkażjoni nxtara orgni ġdid. L-orgni Johannus-Monarke li nxtara mill-Olanda, hu elettroniku. L-orgni ġie inawgurat nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju f'serata fejn Mro. Hugo Agius Muscat u Robert Buhagiar, organista ieħor li kien ukoll involut fl-għażla ta' l-orgni interpretaw xogħlijiet ta' kompożituri magħrufin. Dorianne Portelli interpretat l-Ave Maria.

Wara sar ukoll il-ftuħ tas-sala bl-opri ta' Emvin Cremona miċ-Ċermen tal-Bank of Valletta, Roderick Chalmers. Ir-restawr ta' għoxrin pittura li Emvin Cremona kien pitter bejn l-1954 u l-1962, sar mir-restawratur żagħżugħ Għawdxi Godwin Cutajar, liema xogħol bdieh f'Ottubru ta' l-2005. Dawn ser jibqgħu f'din is-sala, permanentament, flimkien ma' oġġetti oħrajn. Oriġinarjament ix-xogħlijiet ta' Cremona kienu fil-knisja. Minn fuq dawn il-pitturi kien sar il-mużajk li llum hemm iżejjen is-Santwarju. Ix-xogħol ta' restawr ġie finanzjat mill-*Bank of Valletta*.



Mons. Beneditt Camilleri, mill-Għarb, Għawdex, Rettur tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, għal tlieta u tletin sena (1968 - 2001) u li għal dawn l-aħħar snin intefa' b'ruħu u ġismu għall-bini tal-Kumpless Marjan f'Bacchus Marsh, hawn f'Melbourne, l-Awstralja, jidher jitkellem ma' Mons. Arċisqof Pawl Cremona. Jidhru wkoll Mons. Isqof Mario Grech (lemin) u l-Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra, Mons. Carmelo Refalo. (xellug)



Il-Ħadd 22 ta' Ġunju, il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi u s-Sinjura tiegħu mal-wasla tagħhom f'Ta' Pinu. Jiġu milqugħa minn Mons. Isqof Mario Grech (xellug) u mir-Rettur tas-Santwarju Dun Gerard Buhagiar.



L-Orgni l-ġdid tad-Ditta Johannus-Monarke li ġie inawgurat fis-Santwarju Ta' Pinu, nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju, fis-7.00 ta' filgħaxija.



Replika bl-injam tas-Santwarju Ta' Pinu, xogħol maħdum bl-idejn ta' Anthony Agius minn Għajnsielem



Is-Sala li fiha llum wieħed jista' jitpaxxa bid-diversi opri li fiha, fosthom il-pitturi ta' Emvin Cremona, li ġew irrestawrati mill-pittur żagħżugħ Godwin Cutajar.


D.O.M. INTERNATIONAL

Din hija kumpanija Maltija li ilha mwaqqfa 37 sena

Tony Pace
Managing Director



Tony Pace

Sejjer Malta u trid iġġorr?

Ċempel għal kwota llum

Tel: (02) 9607 4170
Fax: (02) 9607 8534
Negozju tal-familja
Mob: 040 305 6007

Nistgħu nippakkjawlek kollox aħna u tiffranka uġiegħ ta' ras

Head Office: Unit 1/42-44 Whyalla Place, Prestons, NSW 2170